**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Awwissu, 2018

Rikors Nru : 13/18 AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-esponenti zzewwget lil CD nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' April, tas-sena elf disgha mija u wiehed u disghin (1991) gewwa r-Registru, Belt Valletta, (certifikat taż-żwieġ esebit, anness u mmarkat Dok 'A';

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Joseph

Tabone nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010), kuntratt esebit, anness u mmarkat Dok 'B';

Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet twieldu zewgt (2) itfal, it-tnejn maggorenni u ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni anness (Dok. 'B') ebda manteniment ma kien mifthiem li ghandu jigi vversat ghaf-favur tal-ulied kif jindika paragrafu numru seba (7) tal-anness kuntratt u ghaldaqstant ma jeziztu ebda kwistjonijiet dwar nuqqas ta' hlas ta' manteniment;

Illi ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-konjugi kif jixhed paragrafu numru sitta (6) tal-kuntratt ta' separazzjoni (vide. Dok. 'A');

Illi għaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, tant illi kull waħda mill-partijiet tghix hajja totalment separata minn xulxin;

Illi għalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikesti mill-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijietskond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-żwieġ ta' bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Jannar, 2018;

Rat id-dikjarazzjoni iffirmata mill-intimat li permezz taghha mhux qieghed joggezzjona ghall-pronunzjament tad-divorzju ta' bejn il-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' April 2010;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.